# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 498/07 SM**

**Simon Bezzina, Joanne Vella, Julie Bezzina, Carmen Sant, Joseph Cuschieri u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Ġunju 2008, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Julian Bezzina, Simon Bezzina u Joanne Vella, sabiex ikomplu l-kawża minflok Julie Bezzina li mietet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Le Beau Champs Limited (C – 3558) u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Mejju 2007 Paul Xuereb u Sonya Xuereb ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Rosette Mary u Francis konjuġi Cuschieri u Carmelina *sive* Lina Cuschieri**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 2014, (minn issa 'l hemm

imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, wara li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-kumpannija mħarrka, ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti;

2. Fl-azzjoni tagħhom, l-appellanti kienu talbu lill-ewwel Qorti ssib li l-appellanti Joseph Cuschieri u Carmen Sant kellhom sehem ta' wieħed minn tnax-il parti ($^{1}/_{12}$) kull wieħed mill-egħlieqi msejħa "*Ta' Girgor*" u "*Ta' Għeżżula*" fil-kontrada Tal-Magħlab, fil-limiti ta' Ħal Għargħur, filwaqt li l-appellanti l-oħrajn Simon Bezzina, Julia Bezzina u Joanne Vella kellhom sehem ta' wieħed minn sitta u tletin parti ($^{1}/_{36}$) kull wieħed mill-istess egħlieqi, u b'hekk tordna t-tħassir u r-rexxissjoni tal-kuntratt pubbliku tas-26 ta' Frar, 2005[1], fl-atti tan-Nutar John Gambin li bih l-intimati appellati Cuschieri biegħu u ttrasferew l-imsemmija żewġ egħlieqi lill-kumpannija intimata appellata, meta ma kinux is-sidien waħedhom ta' dak il-ġid;

3. Illi l-ewwel Qorti tat id-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> "*1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-4 ta' Mejju, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:*
>
> > "*1.1. Illi certu Giovanni Cuschieri u certa Carmela Sant kienu izzewgu fl-10 ta' Lulju, 1915, (ara l-att taz-zwieg a fol 6);*
> >
> > "*1.2. Illi permezz tal-kitba taz-zwieg taghhom datata t-22 ta' Gunju, 1915, in atti tan-Nutar Dottor Calcedonio Gatt, l-istess*

[1] Dok "O", f'paġġ. 51 – 4 tal-proċess

*mizzewgin indikati fil-paragrafu precedenti kienu stabbilew il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, (ara fol 7 et sequitur);*

*"1.3. Illi pemezz ta' kuntratt datat l-10 ta' Gunju, 1917, in atti tal-istess Nutar indikat fil-paragrafu precedenti, il-fuq imsemmi Giovanni Cuschieri akkwista zewg (2) porzjonijiet divizi ta' art rispettivament imsejha "Ta' Girgor" u "Ta' Ghezzula", kontrada tal-Maghtab, limiti tal-Gharghur, minghand huh Joseph Cuschieri (ara fol 12A);*

*"1.4. Illi z-zewg bicciet art imsemmija fil-paragrafu precedenti huma debitament indikati fl-istess rikors promotur, (ara fol 2);*

*"1.5. Illi l-istess rikorrenti jenfasizzaw li ghalhekk, l-ghelieqi in dizamina gew akkwistati mill-imsemmi Giovanni Cuschieri fuq riferit matul iz-zwieg tieghu ma' martu Carmela fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);*

*"1.6. Illi l-imsemmi Giovanni Cuschieri miet fit-22 ta' April, 1954, (ara certifikat tal-mewt a fol 18);*

*"1.7. Illi s-successjoni tal-imsemmi Giovanni Cuschieri hi regolata b'testment unica charta flimkien ma' martu, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Gatt, u hu datat it-23 t'a Frar, 1953, (ara fol 19 et sequitur);*

*"1.8. Illi permezz tal-istess testment unica charta indikat fil-paragrafu precedenti, l-istess testaturi hemm indikati stipulaw is-segwenti:*

> *"1.8.1. Titolu ta' prelegat lill-binhom Giovanni Maria Cuschieri l-ghelieqi deskritti "Ta' Girgor" u "Ta' Ghezzula" (ara fol 23);*
>
> *"1.8.2. Eredi universali taghhom lit-tlett (3) uliedhom Giovanni Maria, Pietru Pawl u Bartolomeo, ilkoll ahwa Cuschieri, (ara fol 25), u dan fi kwoti indaqs;*

*"1.9. Illi Carmela Cuschieri, nee` Sant, mart l-imsemmi Giovanni, mietet fit-23 ta' Mejju, 1968, (ara certifikat tal-mewt a fol 27);*

*"1.10. Illi l-istess Carmela indikata fil-paragrafu precedenti kienet ghamlet testment in atti tan-Nutar Dottor Joseph Gatt, datat il-15 ta' Frar, 1964, li permezz tieghu:*

> *"1.10.1. Hassret u annullat kull testment precedenti taghha, (ara fol 29);*

*“1.10.2. Innominat u istitwiet lill-binha Bartolomeo bhala eredi universali taghha, (ara fol 29);*

*“1.11. Illi l-imsemmi Bartolomeo Cuschieri miet guvni u minghajr tfal fit-23 ta’ Mejju 1998, (ara certifikat tal-mewt a fol 31);*

*“1.12. Illi s-successjoni tal-istess imsemmi Bartolomeo hi regolata permezz ta’ testment datat l-14 t’April, 1998, in atti tan-Nutar Dottor Rachel Sammut, (ara fol 32 et sequitur);*

*“1.13. Illi permezz tat-testment tieghu imsemmi fil-paragrafu precedenti, l-istess Bartolomeo innomina bhala unici eredi universali tieghu lill-hames (5) ulied superstiti ta’ huh il-mejjet Peter Paul Cuschieri senjatament Rose Bezzina, Mary Cilia, Francis Cuschieri, Carmen Sant u Joseph Cuschieri, flimkien ukoll ma’ Rosette mart Francis Cuschieri – l-uniku bint ta’ huh il-mejjet Giovanni Maria Cuschieri, (ara fol 32);*

*“1.14. Illi l-imsemmija Rose Bezzina, (ara paragrafu precedenti), mietet intestata fl-1 ta’ Settembru, 2003, (ara fol 37);*

*“1.15. Illi s-successjoni tal-istess Rose Bezzina fuq imsemmija ghaddiet ghand it-tlett (3) uliedha Simon Bezzina, Joanne Vella u Julie Bezzina, (ara fol 38 sa 46);*

*“1.16. Illi in vista tal-premess jirrizulta s-segwenti:*

*“1.16.1. Illi r-rikorrenti Joseph Cuschieri u Carmen Sant huma s-sidien ta’ sehem minn tnax, (1/12), indiviz kull wiehed mill-ghelieqi fuq indikati “Ta’ Girgor” u “Ta’ Ghezzula”;*

*“1.16.2. Illi r-rikorrenti Simon Bezzina, Julie Bezzina u Joanne Vella huma sidien ta’ sehem minn sitta u tletin, (1/36), indiviz kull wiehed u wahda minnhom mill-istess art de quo;*

*“1.17. Illi l-kontendenti, flimkien mal-komproprjetarji l-ohra Mary Cilia, bieghu b’mod konguntiv proprjeta` immobbli ohra provenjenti fil-mod fuq indikat, u dan, bis-sahha ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor John Spiteri, datat is-16 t’Ottubru, 2001, (ara fol 47 et sequitur);*

*“1.18. Illi permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor John Gambin, datat is-26 ta’ Frar, 2005, l-intimati Rosette mart Francis Cuschieri u Carmelina sive Lina Cuschieri bieghu z-zewgt (2) t’ghelieqi fuq imsemmija lis-socjeta` intimata Le Beau Champs Limited u dan minkejja li ma kienux is-sidien assoluti tal-istess ghelieqi, (ara fol 51 et sequitur);*

*“1.19. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex din:*

*"1.19.1. Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikorrenti Joseph Cuschieri u Carmen Sant huma is-sidien ta' sehem min tnax (1/12), indiviz kull wiehed mill-ghelieqi imsejha "Ta' Girgor" u "Ta' Ghezzula", u li r-rikorrenti Simon Bezzina, Julie Bezzina u Joanne Vella huma s-sidien ta' sehem minn sitta u tletin (1/36), indiviz kull wiehed u wahda minnhom fl-istess ghelieqi imsemmija;*

*"1.19.2. Tordna thassir u r-rexissjoni tal-att pubbliku fuq riferit datat is-26 ta' Frar, 2005, in atti tan-Nutar Dottor John Gambin, u ghalhekk tappunta nutar pubbliku ghal dan il-ghan;*

*"1.19.3. Illi tiffissa data u hin ghall-pubblkazzjoni tal-att relattiv, bin-nomina ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*"1.19.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;*

*"2.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Le Beau Champs Limited datata s-26 ta' Gunju, 2007, li permezz taghha sintetikament wiegbet is-segwenti:*

*"2.1. Illi l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-artikli 845, 2140 u 2143 tal-Kodici Civili;*

*"2.2. Illi t-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt m'hix sorretta minn kawzali stante li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax twassal ghar-rexissjoin imma se mai, ghar-rivendika tal-porzjon pretiz u indennita fuq il-bazi tal-pacifiku pussess;*

*"2.3. Illi s-socjeta` intimata xtrat regolarment minghand l-intimati Cuschieri li huma obbligati jaghmlu tajjeb ghall-kull nuqqas ta' proprjeta` li jista' jkun hemm fuq il-bazi ta' pacifiku pussess;*

*"2.4. Illi ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti hi infondata;*

*"2.5. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-fatti kif kontenuti fl-ewwel tmin (8) paragrafi u fl-ghaxar (10), il-hdax (11) t-tlettax (13) u l-erbatax (14) il-paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata m'hix tikkontestahom;*

*"2.6. Illi l-fatti kontenuti fid-disa' (9) paragrafu tar-rikors promotur iridu jigu ppruvati ghalkemm, irrilevanti;*

*"2.7. Illi l-allegazzjonijiet kontenuti fit-tnax (12) –il paragrafu tar-rikors promotur huma kontestati;*

*"3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Paul u martu Sonia Xuereb nomine datata t-28 ta' Gunju, 2007, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:*

> *"3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti stante li l-pretenzjoni li seta' kellhom ir-rikorrenti hi estinta bid-dekors ta' tletin (30) sena;*
>
> *"3.2. Illi l-intimati u l-predecessur taghhom kellhom il-pussess tal-proprjeta` de quo uti dominus, m'hux miksur u pacifiku ghal aktar minn tletin (30) sena;*
>
> *"3.3. Illi di piu`, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti bid-dekors ta' aktar minn ghaxar (10) snin;*

*"4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-4 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata ghall-iskop hemm prefisssat, (ara fol 90);*

*"5. Rat in-nota tal-assistent gudizzjarju fuq riferita datata l-4 t'Ottubru, 2011, li permezz taghha l-istess assistent gudizzjarju irritornat l-atti kollha fil-pussess taghha fl-atti tal-procedura odjerna, (ara fol 184);*

*"6. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-11 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 229);*

*"7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;*

*"8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-28 ta' Frar, 2013, (ara fol 230 et sequitur);*

*"9. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu estendiet it-terminu li kien gia` prefissat ghan-noti ta' sottomissjonijiet responsivi, (ara fol 242);*

*"10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata fuq indikata datata t-13 ta' Gunju, 2013, (ara fol 244);*

*"11. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara fol 248);*

*"Ikkunsidrat:*

*"12.0. Illi l-verntenza odjerna tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:*

*"12.1. Illi r-rikorrenti jissottolineaw li huma proprjetari fil-kwoti minoritarji minnhom inidikati fir-rikors taghhom promotur, (ara fol 3);*

*"12.2. Illi bis-sahha tal-istess qed jiehdu l-okkazjoni fejn permezz ta' din il-procedura qeghdin jittentaw jimpunjaw il-kuntratt pubbliku regolarment redatt in atti tan-Nutar Dottor John Gambin, u datat is-26 ta' Frar, 2005;*

*"Ikkunsidrat:*

*"13.0. Illi preliminarjament l-intimati de quo issollevaw in risposta l-eccezzjoni tal-preskrizzjuoin naxxenti bil-mod segwenti:*

*"13.1. Dik ta' tletin (30) sena ai termini tal-artiklu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"13.2. Dik ta' ghaxar (10) snin ai termini tal-artiklu 2140 tal-istess Kap 16 fuq riferit;*

*"13.3. Dik ta' ghaxar (10) snin ukoll ai termini tal-artiklu 845 tal-istess Kap 16 fuq riferit;*

*"Ikkunsidrat:*

*"14. Illi kif ben tirritjeni s-socjeta` intimata fuq riferita, t-talba ghar-remissjoni tal-kuntratt in dizamina tas-26 ta' Frar, 2005, ma tirrizultax li hi b'xi mod konsegwenzjali ghall-ewwel talba tal-istess rikorrenti;*

*"15. Illi effettivament jirrizulta li din it-talba ghar-rexissjoni ma jirrizulta li ghandha l-ebda ness logiku mal-fatti kif elenkati mir-rikorrenti;*

*"16. Illi ghalhekk, il-lanjanza tas-socjeta` intimata li din it-talba partikolari tar-rikorrenti mhix sorretta minn ebda kawzali hi minnha u timmerita s-sostenn ta' din il-Qorti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"17.0. Illi di piu`, fir-rigward tat-twegibiet rigwardanti il-preskrizzjoni kif sollevati mill-intimati, ghalkemm separatament, ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:*

*"17.1. Rigward l-artiklu 2140 tal-Kap 16 de quo:*

*"17.1.1. Dan l-artiklu partikolari jistabbilixxi li "kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta`, jipposjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin, jakkwista l-proprjeta` taghha"*

*"17.2. Rigward l-artiklu 2143 tal-Kap 16 de quo:*

*"17.2.1. Dan l-artiklu partikolari jistabbilixxi li "l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi";*

*"17.3. Rigward l-artiklu 845 tal-Kap 16 de quo:*

*"17.3.1. Dan l-artiklu finalment jistabbilixxi li: "L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem rizervat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq tal-ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni";*

*"Ikkunsidrat:*

*"18.0. Illi minn ezani tal-iter storiku tal-ghelieqi in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:*

*"18.1. Illi originarjament iz-zewgt (2) t'ghelieqi meritu tal-procedura odjerna kienu proprjeta` ta' Giovanni u Carmela konjugi Cuschieri, (ara fol 12A), li kien akkwistahom permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Calcedonio Gatt datat l-10 ta' Gunju, 1917;*

*"18.2. Illi permezz ta' testment unica charta tal-imsemmija konjugi Cuschieri indikati fil-paragrafu precedenti, dawn tawhom bi prelegat lil Giovanni Maria Cuschieri, (ara fol 23);*

*"18.3. Illi wara li romlot, l-imsemmija Carmela mart Giovanna Cuschieri kienet annullat kull testment precedenti taghha u istitwiet lill-binha Bartolomeo bhala l-eredi universali taghha ghaliex kien idur biha (ara fol 29);*

*"18.4. Illi l-imsemmi Bartolomeo miet guvni u minghajr prole, bis-successjoni tieghu tkun regolata b'testment datat l-14 t'April, 1998, (ara fol 32), fejn innomina bhala eredi universali tieghu lill-hames (5) ulied superstiti ta' huh mejjet Peter Paul Cuschieri, (ara paragrafu numru wiehed punt tlettax (1.13) aktar qabel), flimkien ma' Rosette Cuschieri hemm ukoll indikata;*

*"18.5. Illi finalment jirrizulta li l-ishma tas-superstiti tal-familja Cuschieri huma dawk indikati fil-paragrafu numru wiehed punt sittax (1.16) aktar qabel;*

*"18.6. Illi b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor John Gambin tas-26 ta' Frar, 2005, l-ghelieqi de quo inbieghu lis-socjeta` intimata, (ara fol 51 et sequitur);*

*"Ikkunsidrat:*

*"19. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta wkoll li tul dan il-perjodu kollu, l-ghelieqi in dizamina kienu imqabblin ghand terzi;*

*"20. Illi jirrizulta li kien Pietru Pawl Cuschieri li kien jiehu hsieb il-proprjeta` de quo u li jigbor il-qbiela relattiva;*

*"Ikkunsidrat:*

*"21. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li ghalkemm kwalunkwe pretensjoni mill-partijiet setghet tigi imressqa sa mill-1964 meta mietet l-imsemmija Carmela Cuschieri kif fuq indikat, dan pero` qatt ma sar u konsegwentement tapplika mhux biss il-preskrizzjoin sollevata mill-artikli 845 u 2140 tal-Kap 16 fuq riferit, izda addirittura anke dik sollevata mill-artiklu 2143 tal-istess Kap, senjatament dik trentennali;*

*"Ikkunsidrat:*

*"22. Illi rigward il-kuntratt datat is-26 ta' Frar, 2005, li permezz tieghu s-socjeta` intimata akkwistat il-proprjeta` in dizamina, xejn ma tqajjem fl-atti li jiddisturba r-regolarita` u l-legalita` tal-istess, u konsegwentement, din il-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirrikonoxxi l-validita` tal-istess att;*

*"Ikkunsidrat:*

*"23. Illi in vista tal-premess allura anke t-tieni talba tar-rikorrenti tirrizulta li m'hix tenibbli anke billi, kif ritenut mill-istess socjeta` intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, illi fir-realta`, il-kuntratt tas-26 ta' Frar, 2005, in dizamina hu res inter alios acta ghar-rikorrenti u bl-ebda mod ma johloq stat fil-konfront taghhom*";

4. B'Rikors imressaq minnhom fis-7 ta' April, 2014, l-appellanti appellaw mill-imsemmija sentenza u, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-intimati appellati;

5. Il-Kuraturi Deputati Paul u Sonya Xuereb wieġbu għall-imsemmi appell b'Risposta mressqa fit-30 ta' April, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħu billi qalu li l-appell ma jixraqlux jintlaqa';

6. Il-kumpannija appellata ressqet Risposta għall-appell fil-5 ta' Mejju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra wkoll laqgħet għall-imsemmi appell punt punt u qalet li dak l-appell ma jmissux jintlaqa';

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2019, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi l-appellanti jressqu ħames **aggravji** mis-sentenza appellata, li jinġabru fl-ilment li (i) dik is-sentenza hija milquta min-nuqqas assolut ta' motivazzjoni; (iii) l-ewwel Qorti messha ordnat it-tneħħija mill-atti tax-xhieda mogħtija bil-mezz tal-affidavit mill-intimati Rosette u Francis Cuschieri; (iii) l-ewwel Qorti sabet ħażin meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-għaxar snin (art. 2140) u dik tat-tletin sena (art. 2143); (iv) l-ewwel Qorti sabet ħażin ukoll meta qalet li l-azzjoni waqgħet biż-żmien imsemmi fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili; u (v) l-ewwel Qorti naqset

meta ma laqgħetx it-talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt li bih l-appellati Cuschieri biegħu l-egħlieqi lill-kumpannija appellata;

11. Illi kif jistqarru l-appellanti nfushom, huma ħassew li kellhom jiftħu din il-kawża meta saru jafu li kien sar il-kuntratt pubbliku tas-26 ta' Frar, 2005 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-kuntratt impunjat") li bis-saħħa tiegħu nbiegħu ż-żewġ egħlieqi msemmija fir-Rikors promotur bla ma tqies sehemhom minn dawk l-egħlieqi u bla ma huma kienu parti minn dak l-att;

12. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju**, l-appellanti jgħidu li ma hemm xejn fis-sentenza appellata li juri x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha. Jgħidu li, mqar mad-daqqa t'għajn, jidher ċar li l-ewwel Qorti lanqas għamlet l-iċken sforz biex tfisser x'wassalha biex laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mqajma mill-intimati appellati;

13. Illi għal dan l-aggravju l-appellati Xuereb *nomine* jirribattu billi jgħidu li, għall-kuntrarju ta' dik ix-xilja, l-ewwel Qorti għamlet eżerċizzju artikolat biex turi kif waslet għal dik il-fehma;

14. Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija appellata żiedet tgħid li l-motivazzjoni tinsab fis-sentenza u l-fatt li l-appellanti ma jaqblux ma' dak

li jingħad ma jfissirx li s-sentenza hija nieqsa minn dak li l-liġi titlob li jkollha biex tkun tiswa;

15. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju, fis-sewwa, jimmira għall-eżami tas-siwi nnifsu tas-sentenza appellata, minħabba li l-liġi titlob[2] li kull sentenza għandha ġġib ir-raġunijiet li jwasslu lil xi qorti biex tagħti d-deċiżjoni li tkun tat. Ma hemmx dubju li din il-ħtieġa tħares wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ħaqq naturali li jitlob li kull sentenza jew deċiżjoni tkun motivata u turi għaliex tkun ingħatat deċiżjoni u mhux oħra, b'mod partikolari f'kawża fejn il-partijiet ikunu ħadu pożizzjonijiet li ma jaqblux;

16. Illi l-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' s-sejħa ta' nullità ta' sentenza jeħtieġ li min jallega dan juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux ('*extra petita*') jew dwar aktar minn dak li ntalab ('*ultra petita*') jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq[3]. Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li safejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata[4], l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda

[2] Art 218 tal-Kap 12
[3] Art. 790 tal-Kap 12
[4] App. Ċiv. **7.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Manager Water Works Department*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.446**)

miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha;

17. Fost l-elementi li s-sentenzi għandu jkollhom għas-siwi tagħhom, il-liġi ssemmi li l-parti operattiva ta' sentenza għandha tinkludi t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu maqtugħa u kull dikjarazzjoni maħsuba biex tkun konklussiva jew li torbot[5]. Minbarra dan, il-liġi titlob ukoll li kull sentenza tagħti r-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha u ssemmi wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

18. Il-ħtieġa ta' motivazzjoni xierqa f'sentenza tqieset dejjem bħala element kostituttiv ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta' sentenza jew provvediment, għaliex dan mhux biss isejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik id-deċiżjoni. Il-motivazzjoni f'sentenza ma titlobx li l-Qorti li tkun toqgħod issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha[6], iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż[7] u sakemm il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti fis-sentenza tagħha ma tkunx kontradittorja mal-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet[8];

[5] Artt. 23 u 219 tal-Kap 12
[6] App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Schembri vs Victor Portelli***
[7] App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Charmaine Camilleri vs Eugenio Abdilla et***
[8] App. Inf. PS **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Agricultural Co-Operative Ltd. vs Peter Axisa***

19. Illi jekk minn qari ta' sentenza jkun jidher li l-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwestjonijiet rilevanti, imqar jekk tkun straħet ħafna fuq dak li jressqu quddiemha l-perizji tal-esperti ġudizzjarji maħtura jew fuq il-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet f'sentenza oħra f'xi kawża marbuta magħha bla ma żżid xejn aktar jew mill-anqas, dan ma jwassalx biex is-sentenza mogħtija tkun milquta min-nullità[9];

20. Illi fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha, joħroġ ċar li l-ewwel Qorti waslet għall-fehma tagħha dwar is-siwi tal-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jew tad-dekadenza tal-azzjoni fuq is-saħħa ta' eżami kronoloġiku tal-ġrajjiet li wasslu sal-pubblikazzjoni tal-kuntratt impunjat. Jidher ukoll li kienet rat l-atti rilevanti li l-partijiet ressqu quddiemha. Dawk il-kunsiderazzjonijiet jieħdu parti ġmielha mir-raġunament li jidher fis-sentenza appellata. Minnhom, wieħed jista' wkoll jislet x'kienet qiegħda taħseb l-ewwel Qorti meta waslet għall-fehma tagħha dwar dawk l-eċċezzjonijiet. Il-fatt li l-appellanti ma jaqblux ma' dik il-fehma ma jinbidilx f'nuqqas ta' element ewlieni għas-siwi tas-sentenza appellata, kif sewwa tgħid il-kumpannija appellata;

21. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju ma jidhirx mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

---

[9] App. Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Romeo Żahra et vs John Żerafa et***

22. Illi bit-**tieni aggravju** tagħhom, l-appellanti jilmintaw mill-fatt li l-ewwel Qorti qagħdet fuq xhieda mogħtija mill-intimati assenti Rosette Mary u Francis miżżewġin Cuschieri bil-mezz tal-affidavit u kienet saħansitra ċaħditilhom talba magħmula qabel ma l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza biex l-imsemmija affidavits jitneħħew mill-atti tal-kawża. L-aggravju joħroġ mill-fatt li l-appellanti jgħidu li dawk l-affidavits saru waqt li l-imsemmija intimati kienu għal xi żmien f'Malta u mbagħad ma setax isirilhom il-kontro-eżami għaliex sa dak iż-żmien kienu reġgħu telqu minn Malta. L-appellanti jqisu li dik tal-imsemmija intimati kienet "tattika (li) ntużat appożitament" biex iċċaħħadhom mill-fakultà li jsirilhom il-kontro-eżami u b'hekk ġarrbu żvantaġġ kbir fit-tressiq tal-provi;

23. Illi l-istess intimati appellati (fil-persuna tal-kuraturi deputati maħtura biex jidhru għalihom) iwarrbu dan l-aggravju u jgħidu li, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi tagħhom, il-liġi tagħti riedji proċedurali lill-appellanti biex setgħu jwettqu dak li dehrilhom meħtieġ biex jassikuraw il-kontro-eżami, jekk tabilħaqq riedu jagħmluh. Ir-rimedju żgur ma kienx dak li jitolbu t-tneħħija tal-affidavit mill-atti tal-kawża u lanqas jista' jingħad li b'daqshekk seħħ xi żbilanċ fit-tressiq tal-provi bejn parti u oħra fil-kawża;

24. Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija appellata tgħid li, ladarba l-appellanti ma ressqux appell mid-degriet tat-30 ta' Settembru, 2011, li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-isfilz tal-affidavit, ma jistgħux issa jressqu dan l-aggravju ladarba illimitaw l-appell tagħhom biss għas-sentenza appellata;

25. Illi l-Qorti tqis li l-imsemmija żewġ affidavits tressqu fl-atti tal-kawża waqt seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju fis-16 ta' Lulju, 2009[10], meta l-kawża kienet fl-istadju tat-tressiq tal-provi tal-intimati għall-finijiet tal-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni. Dan kien hekk b'ordni li kienet tat l-ewwel Qorti fit-3 ta' Ġunju, 2008[11] fuq talba tal-istess appellanti. L-affidavits kienu saru f'Malta fl-24 ta' Awwissu tal-2007 (jiġifieri kważi sentejn qabel iddaħħlu fl-atti tal-kawża u ftit xhur wara li nfetħet il-kawża). L-ewwel darba li l-appellanti talbu biex jagħmlu l-kontro-eżamijiet tal-miżżewġin Cuschieri kien waqt seduta quddiem l-istess Assistent Ġudizzjarju fl-1 ta' Diċembru, 2009[12], f'liema seduta l-intimat appellat *nomine* ntrabat li se jgħarraf lill-Assistenta Ġudizzjarja meta l-miżżewġin Cuschieri kellhom ikunu f'Malta ħalli jinżamm smigħ biex isirilhom il-kontro-eżami;

[10] Dokti "RC01" u "FC01" f'paġġ. 99 sa 103 tal-proċess
[11] Paġ. 86 tal-proċess
[12] Paġġ. 148 – 9 tal-proċess

26. Illi waqt is-smigħ tat-30 ta' Settembru, 2011[13], l-avukat tal-appellanti talab li l-ewwel Qorti tordna t-tneħħija tal-affidavits tal-appellati miżżewġin Cuschieri *proprio* mill-atti tal-kawża. B'degriet mogħti mill-ewwel Qorti waq l-istess smigħ, it-talba ma ntlaqgħetx, fost l-oħrajn, għaliex "il-problema tista' faċilment tiġi superata bi proċeduri appożiti"[14]. Wara l-għoti ta' dak id-degriet, l-appellanti ressqu provi dokumentali oħrajn, sakemm b'verbal li sar waqt is-smigħ tas-17 ta' April, 2012[15], quddiem l-ewwel Qorti, l-avukat difensur tal-appellanti iddikjara li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu, liema dikjarazzjoni reġa' tenniha waqt is-smigħ tal-11 ta' Ottubru, 2012[16], meta l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq;

27. Illi f'materja li tirrigwarda l-għoti tax-xhieda bil-mezz ta' affidavit, il-liġi tirregola l-mod kif jitressaq l-imsemmi affidavit u ħwejjeġ oħrajn marbuta man-notifika tiegħu u mal-kontro-eżami relattiv fl-artikoli 21(3), 157 u 173(2)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, l-artikolu 622A tal-istess Kodiċi jipprovdi espressament dwar affidavit bix-xhieda ta' persuna li ma tkunx tinsab f'Malta;

28. Illi xieraq jingħad li l-artikolu 622A japplika biss meta x-xhud barrani ma jkunx jinsab f'Malta u jgħodd biss għall-każ ta' affidavit li ma

[13] Paġ. 182 tal-proċess
[14] Paġ. 183 tal-proċess
[15] Paġ. 227 tal-proċess
[16] Paġ. 229 tal-proċess

jkunx magħmul f'Malta[17]. Dak l-artikolu jirregola wkoll kif għandu jsir il-kontro-eżami tax-xhud li jkun għamel l-affidvit[18];

29. Illi filwaqt li l-liġi tqis li l-kontro-eżami ta' xhud li jkun xehed b'affidavit huwa jedd tal-parti l-oħra fil-kawża, ma ssemmi xejn x'jiġri meta dak il-kontro-eżami ma jkunx jista' jsir. Il-liġi tindika l-proċedura tal-ittri rogatorji f'każ li x-xhud ma jkunx jinsab f'Malta, għalkemm wieħed m'għandux jaħseb li sistemi oħrajn aktar aġġornati ta' kif tinġabar ix-xhieda ma humiex esklużi wkoll;

30. Illi fil-każ fejn ix-xhud iqiegħed lilu nnifsu f'qagħda fejn ma jkunx jista' jinstab biex isirlu l-kontro-eżami, jew fejn jinħalqu ċirkostanzi li jżommu milli jsirlu l-kontro-eżami, tqum il-kwestjoni tal-ħarsien li l-Qorti trid tagħti lil kull parti f'kawża biex jingħatalha smigħ xieraq. Hawnhekk, il-kwestjoni mhijiex daqstant waħda marbuta mas-siwi tal-affidavit li jkun daqskemm mal-użu ta' dak is-sistema ta' tressiq ta' prova bla ma jagħti l-opportunità li dik ix-xhieda tkun mgħarbla kif imiss mill-parti li hija interessata li tixtieq tattakkaha;

31. Illi l-Qorti tagħraf bejn nuqqas li jsir kontro-eżami minħabba tnikkir mill-parti li tkun irriżervatu (bħal fil-każ ta' xhud li jilħaq imut żmien wara li jkun tressaq l-affidavit tiegħu) u nuqqas li jsir il-kontro-eżami meta l-

---

17 Ara deg. P.A. TM **5.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Digitech Co. Ltd. vs Cogeco s.a.s.***
18 Art. 622A(2)(3) tal-Kap 12

parti li tkun għamlitu ma tkunx tista' tinstab jew ma jkunx jista' jitħaddem l-ebda metodu aċċettat mil-liġi biex isir il-kontro-eżami;

32. Illi mill-ġabra ta' ċirkostanzi li ssemmew aktar qabel dwar x'ġara f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju ma huwa mistħoqq xejn. Għalkemm l-affidavits kien ilhom li saru bosta xhur qabel tressqu fl-atti tal-kawża, dawn tressqu fiż-żmien xieraq meta l-kawża kienet sewwasew fil-fażi tal-provi tal-intimati appellati dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom. Jidher ukoll li r-riżerva li saret favur l-appellanti biex ikun jista' jsir il-kontro-eżami tal-intimati, ma kinitx segwita minnhom stess. L-appellanti kienu jafu li l-imsemmija miżżewġin Cuschieri ma kinux jinsabu f'Malta għaliex kienu l-istess appellanti li talbu l-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għal dawk iż-żewġ intimati kontestwalment mal-ftuħ tal-kawża tallum[19]. Meta l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għall-isfilz fissret, fost motivazzjoni oħra, li l-problema seta' jissolva b'mod proċedurali. Minkejja dan, l-appellanti ma nqdewx bir-rimedji proċedurali li tagħtihom il-liġi. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt idgħajjef l-aggravju tal-appellanti, għaliex ma jistgħu jwaħħlu f'ħadd jekk l-għodda rimedjali li tagħtihom il-liġi naqsu li jinqdew bihom biex ineħħu l-iżbilanċ li minnu jilmentaw issa. Fuq kollox, kif tajjeb tirrileva l-kumpannija appellata, l-appellanti ma ressqu l-ebda appell biex din il-Qorti tħassar id-degriet mogħti mill-ewwel Qorti li ċaħad it-talba għat-tneħħija tal-affidavit mill-atti;

[19] Ara rikors f'paġ. 56 tal-proċess

33. Illi dan l-aggravju għalhekk mhux qed jintlaqa' lanqas;

34. Illi t-**tielet aggravju** jolqot il-kwestjoni fil-qalba tagħha. F'dan l-aggravju l-appellanti jgħidu li kieku l-ewwel Qorti ittantat tqis il-provi mressqa quddiemha kienet issib li ma kienx minnu li l-appellati kisbu l-ishma tal-istess appellanti bis-saħħa tal-preskrizzjoni, u la dik tal-għaxar snin u anqas dik tat-tletin sena. Huma jgħidu li l-provenjenza tal-ġid fil-kuntratt impunjat innifsu turi li l-appellanti għandhom l-ishma li jippretendu u kif l-istess appellati jaqblu ma' dan. Huma jżidu jgħidu li ladarba l-appellati qajmu l-eċċezzjoni tal-bosta preskrizzjonijiet minnhom invokati, kien jaqa' fuqhom il-piż li jiġġustifikawhom. F'każ li jonqsu li jippruvawhom kif titlob il-liġi, l-ewwel Qorti kellha twarrab dawk l-eċċezzjonijiet. Jgħidu li l-ewwel Qorti qagħdet biss fuq iż-żewġ affidavit tal-intimati *proprio* li ma kinux ta' min wieħed joqgħod fuqhom. Imbagħad, iressqu sensiela ta' ċirkostanzi li joħorġu mill-atti tal-kawża biex juru kemm ma kienx minnu li l-appellati kienu kisbu l-ishma tagħhom (jiġifieri tal-appellanti) ukoll bil-preskrizzjoni;

35. Illi l-appellati jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li fl-atti kien hemm provi tajbin biżżejjed biex isostnu l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni u l-ewwel Qorti mxiet magħhom. Iżidu jgħidu li Giovanni Maria Cuschieri (awtur fit-titolu tal-appellati *proprio*) kien ilu sa minn mindu kienu

għadhom ħajjin ħutu (awturi fit-titolu tal-appellanti) jimxi b'mod li l-egħlieqi mertu tal-kuntratt impunjat jgħid li kienu kollha tiegħu, minkejja li kien jgħix barra minn Malta. Il-fatt li ħutu kienu jiġbru f'ismu l-qbiela u jibagħtuhielu l-Awstralja tixhed bl-aktar mod ċar il-fehma *animo domini* tal-pussess li kellu fuq dak il-ġid;

36. Illi l-Qorti tqis li l-qofol ta' dan l-aggravju jikkonsisti fi kritika tal-mod kif l-ewwel Qorti apprezzat il-provi li ressqulha l-partijiet. Jidher ċar li l-partijiet kienu ressqu sottomissjonijiet estensivi lill-ewwel Qorti qabel ingħatat is-sentenza appellata u sewwasew fuq is-siwi tal-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni li tqajmu sa dak il-waqt fil-kawża. Jekk wieħed imbagħad jara n-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-appellanti, isib li, f'dan ir-rigward[20], hija kelma b'kelma ma' dak li hemm imsemmi fir-Rikors tal-Appell. Dan ifisser li l-appellanti qegħdin jistiednu lil din il-Qorti tgħarbel l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Huwa magħruf u aċċettat li din il-Qorti ma tilqax stedina bħal din jekk mhux għaliex jintwera li jkun hemm raġunijiet serji u tajbin biżżejjed li jwasslu ha tara l-irraġonevolezza li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-ewwel istanza. F'dan il-każ, meta wieħed jara wkoll is-sottomissjonijiet li kienu tressqu quddiem l-ewwel Qorti mill-kumpannija appellata fin-Nota tagħha (ma' liema sottomissjonijiet l-

[20] Qabbel §§ 4 sa 15 tan-Nota ta' Sotomissjonijiet tal-appellanti f'paġġ. 232 – 8 tal-proċess mal-§§ 20 sa 38 tar-Rikors tal-Appell f'paġġ. 269 sa 275 tal-proċess

appellati *nomine* kienu iddikjaraw li qegħdin jaderixxu[21]), ma jirriżulta xejn barra minn loku li l-ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuq il-verżjoni tal-intimati appellati minflok fuq dik tal-appellanti. Din il-Qorti reġgħet rat xorta waħda l-provi u l-atti kollha tal-kawża u ssib li l-appellanti ma wrew xejn ġdid li forsi seta' tebba' r-raġunament tal-ewwel Qorti fil-ġudizzju u d-diskrezzjoni mogħtija lilha biex tqis il-provi u tagħżel fuq liema minnhom kellha toqgħod;

37. Illi dan ifisser li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

38. Illi bir-**raba' aggravju** l-appellanti jlumu l-ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni li l-azzjoni tagħhom waqgħet billi għadda ż-żmien maħsub fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili. Jgħidu li l-ewwel Qorti waslet biex tilqa' dik l-eċċezzjoni bla ma tat l-ebda raġuni għalfejn kienet qiegħda tagħmel dan;

39. Illi l-kumpannija appellata laqgħet għal dan l-aggravju billi qalet li ż-żmien maħsub fil-liġi kien wieħed li jitlob l-esklussività tal-pussess u l-intimati awturi tagħha seħħilhom juru sewwa kif għal aktar minn għaxar snin kellhom tali pussess;

[21] Ara l-verbal; f'paġ. 243 tal-proċess

40. Illi l-Qorti tqis li ħafna minn dak li ngħad dwar dan it-tielet aggravju jgħodd għal dan ukoll. Minbarra dan, mhux kull azzjoni li tirrigwarda ġid li ġej minn wirt taqa' taħt iż-żmien preskrittiv tal-artikolu 845. Wieħed irid jagħraf bejn azzjoni għas-sehem fil-wirt (*petitio hereditatis*) u azzjoni dwar ġid li kien jagħmel minn wirt, bħal fil-każ ta' azzjoni għall-qasma ta' ġid komuni mnissel minn wirt. L-istess jingħad dwar xi għamla ta' azzjoni li timmira għal xi aspett partikolari tal-proċess tal-likwidazzjoni jew tmexxija ta' ġid f'wirt;

41. Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li ż-żmien preskrittiv maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza[22], u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva. Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja. Madankollu, b'differenza minn dak mitlub biex tirnexxi l-preskrizzjoni akkwiżittiva taħt l-artikolu 2140 tal-istess Kodiċi, mhumiex meħtieġa l-prova tat-titolu u l-bona fidi[23], għalkemm l-għamla ta' pussess ippruvat irid ikun wieħed "formali, jiġifieri wieħed li kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt ta' proprjetà"[24];

[22] P.A. **29.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Bonniċi vs Apap Bologna et noe*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1022**)
[23] App. Ċiv. **21.5.1909** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Caruana Dingli*** (Kollez. Vol: **XX.i.199**)
[24] P.A. AJM **1.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Buttiġieġ et vs Yvonne Formosa et*** (mhix appellata)

42. Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-artikolu taħt eżami. Iżda persuna li tipprova tattakka t-titolu ta' persuna oħra għal xi ġid, tista' ssib ma' wiċċha l-eċċezzjoni taż-żmien preskrittiv maħsub fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili għaliex azzjoni bħal din tista' titqies li hija waħda ta' *petitio ereditatis* ukoll[25]. Hekk ġara f'dan il-każ, l-appellanti qegħdin sostanzjalment jattakkaw it-titolu pretiż mill-appellati Cuschieri *proprio* fuq il-ġid mertu tal-kuntratt impunjat u dawn, laqgħu bl-imsemmija eċċezzjoni. Għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-appellanti, ma ntweriex li l-pussess li kellhom l-appellati Cuschieri kien wieħed komuni jew li ma kienx esklussiv;

43. Illi mill-bqija, din il-Qorti terġa' tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet magħmulin minnha dwar it-tielet aggravju u ttennihom;

44. Illi għalhekk, dan l-aggravju qiegħed jitwarrab ukoll;

45. Illi għar-rigward tal-**ħames aggravju** li jintrabat maċ-ċaħda mill-ewwel Qorti tat-tieni talba attriċi billi dehrilha li ma kinitx marbuta mal-ewwel talba, l-appellanti jħossuhom aggravati għaliex jidhrilhom li l-

[25] App. Ċiv. **28.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.139**) u l-għadd ta' sentenzi hem imsemmijin

ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni tal-kumpannija appellata;

46. Illi għal dan l-aggravju, il-kumpannija appellata tgħid li biex l-atturi appellanti jirnexxu fl-azzjoni tagħhom (li hija tqis bħala waħda essenzjalment ta' rivendika) ma kienx hemm għalfejn titlob it-tħassir tal-kuntratt impunjat. Minbarra dan, il-kuntratt impunjat sar sewwa u l-appellanti ma kinux kontraenti u għalhekk ma jistgħux jitolbu t-tħassir jew rexxissjoni ta' att pubbliku li għalihom huwa negozju bejn ħaddieħor ("*res inter alios acta*");

47. Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-appellanti dehrilhom li kellhom iressqu t-tieni talba bħala riżultat tas-suċċess tal-ewwel talba attriċi, ma hemmx għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ dan l-aggravju. Eżerċizzju bħal dan ma jkun tal-ebda fejda aktar milli wieħed akkademiku. Ladarba, għar-raġunijiet imsemmijin aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti sabet li l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' u ċaħdet l-aggravji kollha tal-appellanti dwarha, it-tieni talba ma tistax tintlaqa' għaliex l-appellanti ma ressqu l-ebda prova ta' xi raġuni oħra tajba maħsuba mil-liġi li biha hija tista' tordna t-tħassir tal-kuntratt impunjat. Minbarra dan, is-sottomissjoni tal-kumpannija appellata dwar kemm l-appellanti jistgħu jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt impunjat ladarba ma kinux komparenti f'dak l-att hija

f'waqtha għaliex huwa miżmum li r-rexxissjoni ta' kuntratt tista' tintalab biss minn xi parti li tkun dehret fuq l-att;

48. Illi għalhekk anki dan l-aggravju mhux se jintlaqa';

***Decide***

49. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi bl-**ispejjeż** kontra l-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm